MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2011

Numru 45/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Anthony Cilia**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 45 tas-sena 2009 kontra l-akkużat Anthony Cilia, li bih huwa ġie akkużat talli:

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi nhar is-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008) għall-ħabta tal-għaxra u għaxra ta' bil-lejl (10:10pm), il-Pulizija ġew infurmati li kien inqala argument jaħraq bejn koppja miżewwġa fejn ir-raġel li huwa Anthony Cilia, qua akkużat, beda jkisser xi affarijiet fir-residenża matrimonjali tiegħu u ċioe' fl-indirizz Mat Dan Syl, Ta Xurraf Limiti, tas-Siġġiewi.

Illi in segwitu għall-investigazzjoni aktar akkurata irriżulta li fil-ħdax (11) ta' Mejju tal-istess sena elfejn u tmienja (2008) u ċioe preċedenti għad-data ta' l-argument hawn fuq riferut, l-akkużat kellu argument ieħor serju ma martu li skala sal-punt li hu volontarjament beda iqabbad id-dar ta' abitazzjoni tiegħu billi volontarjament ferrex likwidu fjammabbli ma' diversi partijiet tad-dar u filfatt qabbad is-sufan bl-użu ta' suffarina. Dawn in-nirien setgħu faċilment infirxu tul ir-residenża kollha iżda fortunatament dan ma seħħx.

Irriżulta li fil-ħin tal-ħruq kien hemm mart w ulied l-akkużat ġewwa din ir-residenża li fortunatament ma' miet jew weġġa ħadt minnhom peress li ħarġu jiġru l-barra mir-residenża meta' l-akkużat kien diġa beda volontarjament iqabbad ir-residenża tiegħu.

Illi b'għemilhu Anthony Cilia sar ħati talli volontarjament ta n-nar lil dar, maħżen, ħanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, baċil jew bini ieħor, għarix, jew xi lok ieħor, meta' hemm ġew kien hemm persuna fil-waqt tal-ħruq, iżda għalkemm ebda persuna ma tilfet ħajjitha, huwa seta' jobsor li f'dak il-waqt hemm ġew kien hemm xi persuna.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Anthony Cilia, ħati talli volontarjament ta n-nar lil dar, maħżen, ħanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, baċil jew bini ieħor, għarix, jew xi lok ieħor, meta' hemm ġew kien hemm persuna fil-waqt tal-ħruq, iżda għalkemm ebda persuna ma tilfet ħajjitha, huwa seta' jobsor li f'dak il-waqt hemm ġew kien hemm xi persuna; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn disa' snin u mhux iktar minn tnax il-sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 316(a), 17, 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi dakinhar li ġie rrapurtat l-argument li tqajjem bejn l-akkużat Anthony Cilia u martu u cioe fis-sittax (16) ta'

Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008) għall-ħabta tal-għaxra u għaxra ta' bil-lejl (10:10pm) kif konness mall-fatti mertu tal-ewwel Kap ta' din l-att tal-Akkuża, irriżulta li l-akkużat kien ħebb għal ibnu Matthew Cilia u sussegwentement daħal ġewwa r-residenza tiegħu u beda jkisser diversi oġġetti li kienu hemm ġew. Filfatt meta' l-pulizija marru fuq il-post, innutaw li kien hemm il-ħġieġ imfarrak minn żewġ vettrini li kienu propjeta' ta' Matthew Cilia kif ukoll oġġetti oħra miksurin. Il-valur tal-oġġetti miksura appartenenti lill-ibnu kienu jammontaw għal tlett mija ħamsa u tletin Liri Maltin (Lm335) ekwivalenti għal seba' mija u tmenin Euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€780.34) filwaqt li l-valur globali bl-inklużjoni tal-oġġetti l-oħra kollha kien jammonta għal madwar ħames mitt Liri Maltin (Lm500) ekwivalenti għall-ammont kumplessiv ta' elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Illi b'għemilu l-imsemmi Anthony Cilia sar ħati talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), imma huwa iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Anthony Cilia, ħati talli, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), imma huwa iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47); jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn ħames xhur sa sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(b), 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi dakinhar tal-inċident kif indikat fil-Kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuża u fl-istess ċirkostanzi, u cioe' fil-ħdax (11) **u**

fis-sittax (16) ta’ Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008), filwaqt li kien qed iqabbad ir-residenża tiegħu kif ukoll filwaqt li kien qed jikkaġuna l-ħsarat volontarji indikati fil-kapi preċedenti, l-akkużat permezz tal-atteġament tiegħu fil-konfront tal-membri tal-familja tiegħu, volontarjament ikkaġuna lill-istess persuni iħossu biża reali li ser tintuża vjolenża kontrihom u kontra l-propjeta’ tagħhom (li filfatt ġara) fuq iktar minn okkazjoni waħda, liema biża ġiet ikkaġunata lilhom minħabba l-kliem, l-atteġament u l-azzjonijiet tal-istess akkużat.

Illi b’għemilu l-imsemmi Anthony Cilia sar ħati talli bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil ħaddieħor jibża’ li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta’ xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) filwaqt li hu kien jaf jew imissu kien jaf li l-imġieba tiegħu se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża’ kull darba minn dawk l-okkazjonijiet.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Anthony Cilia, ħati talli, bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil ħaddieħor jibża’ li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta’ xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) filwaqt li hu kien jaf jew imissu kien jaf li l-imġieba tiegħu se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża’ kull darba minn dawk l-okkazjonijiet; jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta’ priġunerija għal żmien ta’ mhux inqas minn tlett xhur u mhux iktar minn sitt xhur jew multa ta’ mhux inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin Euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) u mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew dik il-multa u priġunerija flimkien, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 251B(1), 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista’ skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha proċesswali, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Avukat Generali tat-13 ta’ Gunju, 2011 li biha in vista tal-possibbli ammissjoni tal-akkużat fit-termini tar-rikors konġuntiv tat-13 ta’ Gunju 2011, jiddikjara li huwa dispost illi f’każ li l-akkużat jammetti r-reat taħt l-artikolu 318 tal-Kodiċi Kriminali huwa jaċċetta din l-ammissjoni bħala alternattiva għall-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża.

Rat ir-Rikors Konġuntiv tal-Avukat Generali w tal-akkużat Anthony Cilia, tat-13 ta’ Gunju, 2011, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1)(2) tal-Kodici Kriminali li fl-eventwalita’ li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat għall-akkużi miġjuba kontrih, il-piena li għandha tigi inflitta fuqu minn din il-Qorti għandha tkun wahda ta’ priġunerija għal periodu ta’        sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba` (4) snin u multa ta’ hamest elef Euro (€5,000) dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi oħra tassattivi ghad-dikjarazzjoni w sejbien ta’ htija ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi waqt is-seduta tal-jum 20 ta’ Gunju  2011, l-akkużat, mistoqsij jekk huwiex ħati skont l-Att tal-Akkuża bl-alternattiva kif suġġerita mill-Avukat Ġenerali fin-Nota tiegħu tat-13 ta’ Gunju, 2011, wieġeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reat taħt l-artikolu 318 tal-Kodiċi Kriminali skont l-alternattiva mogħtija mill-Avukat Ġenerali għall-Ewwel Kap tal-Akkuża.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-tweġiba w tatu ftit taż-żmien biex jerga’ lura minnha, kif obbligata li tagħmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-akkużat ikkonferma t-tweġiba li huwa kien hati.

Tiddikjara għalhekk lil Anthony Cilia hati talli
1. fis-16 ta’ Mejju, 2008 ghall-habta tal-10.10 p.m. gewwa s-Siggiewi, volontarjament ta n-nar lil bini, gharix, dar, maħżen, ħanut, dar ta’ abitazzjoni, bastiment, baċil jew bini ieħor, għarix, jew xi lok ieħor, izda meta fil-waqt ma jkun hemm ebda persuna hemm gewwa, u dan il-bini,

gharix jew lok iehor ikun qieghed b'mod li ma jistax iqabbad hruq f'bini iehor, gharix, jew lok iehor, fejn waqt il-hruq ikun hemm xi persuna hemm gewwa w dana skond l-alternattiva ghall-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

2. fis-16 ta' Mejju, 2008 ghall-habta tal-10.10 p.m. gewwa s-Siggiewi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), imma huwa iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47)u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

3. fis-16 ta' Mejju, 2008 ghall-habta tal-10.10 p.m. gewwa s-Siggiewi, bl-imġiba tiegħu ikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) filwaqt li hu kien jaf jew imissu kien jaf li l-imġiba tiegħu se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkazjonijiet, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w eżaminata mid-difiza.

Ikkonsidrat;

Qieset l-ammissjoni qabel ma ġie iffurmat il-ġuri, li pero' ma tistax tissejjaħ waħda bikrija għaliex la saret mal-preżentata b'arrest tal-ħati u la saret waqt il-kumpilazzjoni.

Peress li, wara li ħadet kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-kondotta tal-ħati, u iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tar-reat, hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u miżuri mitluba huma tali li jkun leġittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija għar-reat li dwaru l-ħati ammetta l-ħtija tieghu u peress li ma hemmx raġuni oħra skont il-liġi biex din il-Qorti tordna li jitkompla li jsir il-ġuri tal-każ, jidher li din il-Qorti għandha tgħaddi biex tagħti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet.

Din il-Qorti tħoss li f’dan il-każ partikolari għandha taderixxa għat-talba konġuntiva magħmula skont l-artikolu 453A tal-Kodiċi Kriminali u għaldaqstant, wara li rat l-artikoli, 318, 17, 20, 23 u 533 tal-Kap 9 tikkundanna lill-ħati**, Anthony Cilia** għall-piena ta’ sentejn priġunerija li għandhom jibqgħu sospiżi għall-erba’ snin kif ukoll tikkundannah iħallas multa ta’ hamest elef Euro (€5000) kif ukoll is-somma ta’ seba’ mija u hamsa w ghoxrin ewro u hmistax –il centezmu (€725.15)**,** rappreżentanti l-ispejjeż tal-perizji inkorsi f’dan il-proċess, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjeż tal-perizji ma jitħallsux fi żmien ħmistax-il jum mil-lum, jiġu konvertiti f' terminu ta' priġunerija skont il-liġi. Il-Qorti spjegat ukoll x’inhuma l-effetti tal-artikolu 28A tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------